# Beati u Qaddisin...Jannar

JANNAR 12

## SAN BERNARD MINN CORLEONE



Fortunat Bergant, Visione del Beato Bernardo di Corleone, XVIII sec., Narodni galeriji, Lubiana

San Bernard kien terzjarju frangiskan u ddedika l-ghajnuna tieghu lill-foqra, morda u l-oppressi. Huwa talab li jidhol mal-patrijiet Kappuccini Minuri u hemm wera' ruhu mpenjat ghall-missjoni tieghu mimli hegga religjuza.

Hu twieled fi Sqallija fis-sena 1605. Missieru kien skarpan u ghallem lil ibnu s-sengha tieghu. Malli miet missieru huwa halla l-hanut u ha t-triq tal-glied bix-xwabel. Huwa sar espert fis-sengha ta' kif wiehed ihaddem ix-xabla.

Bernard spiss kien jisfda ghad-dwell li dawk li kienu jipprezentaw ruhhom quddiemu.  Din il-kwalita' ta' hajja beghditu minn Alla. Madankollu xi kwalita' tajba baqghu jidhru fih. Kien ihobb jiddefendi nies fqar u gwejda kontra min kien juza' vjolenza kontrihom. Spiss kien izur il-kurcifiss li lejh bosta nies kienu juri devozzjoni.  Fuq kollox kellu devozzjoni kbira lejn San Frangisk minn Assisi.

Jum wiehed huwa laqa' sfida ghal dwell li fih fera' ghall-mewt lil min sfidah. Billi beza' li issa kien ser jkollu jiffaccja vendetta mill-hbieb tal-ferut, allura huwa talab kenn fost il-kappuccini fangiskani.

Biex ipatti ghal htijietu huwa talab li jdahhluh fil-kongregazzjoni taghhom bhala ajk u beda n-novizzjat tieghu fit-13 ta' Dicembru tas-sena 1632.  Hawn huwa kien jghix hajja ta' penitenza u edifikanti ghal ahhar. Jinghad li hu kien isawwat lilu nnifsu seba' darbiet kuljum sakemm johrog id-demm minn gismu. Kien jorqod tlett sighat kuljum, fuq l-injam bi blokka ta' l-injam biex isservih ta' imhadda.

Hafna drabi huwa kien jiekol hobz u jixrob ilma biss. Jekk kien jara xi haga li tghogbu hu kien iressaqha ma' halqu u bla ma jmissha jerga' jpoggieha fil-platt. Biex ikompli jaghmel penitenza kien jitlob li jaghmel bhala dmiru responsabiltajiet l-aktar baxxi u umli, li kulhadd kien jahrab.

San Bernard kien ihobb jitlob hafna. Kellu devozzjoni specjali lejn l-Madonna u kien jinkoragixxi lil haddiehor biex jaghmel l-istess. Marija, Omm Alla dehritlu u tatu f'dirajgh lill-Bambin Gesu'. Hija wkoll gharrfitu il-jum ta' mewtu erba' xhur qabel ma halla din id-dinja. Miet f'Palermo fit-12 ta' Jannar tas-sena 1667.

Kien Klement XIII li fis-sena 1767 ghamlu ceatu, filwaqt li Giovanni Pawlu II fis-sena 2001 iddikjarah qaddis.